# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI – PRESIDENT

ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON

ONOR. IMHALLEF GIOVANNI M. GRIXTI

Appell Numru: 22/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Godfrey Gambin u**

**Adel Mohammed Babani**

Illum 15 ta' Jannar, 2020

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza bin-numru 22 tas-sena 2013 migjub kontra l-imsemmija **Godfrey Gambin**, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru: 243176M u **Adel Mohammed Babani**, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 14840(A) fejn:

Fl-ewwel Kap:

Talli fil-granet qabel id-disa u ghoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2010, **Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani** assoċjaw ruħhom ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-

disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkonstitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni;

Fit-tieni Kap:

Talli bejn id-disa u ghoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2010 u fil-gimghat precedenti ghal din id-data, **Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani**, importaw, ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (raża tal-cannabis) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhomx liċenza jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġet;

Fit-Tielet Kap:

Talli bejn id-disa u ghoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2010 u fil-gimghat precedenti ghal din id-data, **Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani** kellhom fil-pussess tagħhom (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienux awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli

għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tagħhom;

Fir-Raba' Kap:

Talli bejn id-disa u ghoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2010 u fil-gimghat precedenti ghal din id-data, **Godfrey Gambin**, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha), meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Fil-Hames Kap:

Talli bejn id-disa u ghoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2010 u fil-gimghat precedenti ghal din id-data, **Godfrey Gambin**, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-

disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Mejju, 2016, fejn, in vista tal-verdett lliberat lil akkuzati **Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani** mill-ewwel **tlett kapi tal-att tal-akkuza**, izda sabet lill-imsemmi **Godfrey Gambin** hati tar-**raba'** u l-**hames** kap tal-att tal-akkuza u ghaldaqstant illiberat lill-akkuzat Godfrey Gambin bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-zmien sentejn (2) minn dakinhar;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju, 2016 li bih talab lil-din il-Qorti **tbiddel, tvarja u tirriforma** s-sentenza appellata billi:

i. Thassarha u tmur lura mill-verdett ta' l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kap tal-Att ta' Akkuza fejn l-appellati Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani ma nstabux hatja u minflok tiddetermina verdett ta' sejbien ta' htija f'dan ir-rigward u taghti dik is-sentenza skont il-ligi u'jew tiddisponi minn dan l-appell skont il-ligi u ai fini tar-retta ammistrazzjoni tal-gustizzja;

ii. filwaqt illi tikkonfermaha fil-kumplament taghha.

Rat ir-risposta tal-akkuzat Godfrey Gambin;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli avukat prosekutur u tal-abbli avukati tal-bank tad-difiza;

Rat l-atti kollha;

**I. L-Aggravju tal-Avukat Generali**:

1. L-Avukat Generali ressaq ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti dan l-appell bill-gravam singolari li fih jallega *mizinterpretazzjoni manifesta jew applikazzjoni manifestament skoretta tal-ligi* fl-indirizz tal-Qorti Kriminali [fl-gheluq tal-guri] lill-gurati liema indirizz *affettwa il-verdett tal-gurati u wasslet ghall-liberatorja tal-appellati mill-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kap tal-Att ta' Akkuza.*

**II. L-Aggravju fil-perspettiva**:

2. B' dan il-gravam, l-Avukat Generali jillanja dik il-parti tal-indirizz tal-Imhallef fil-guri li bih halla ghad-decizjoni tal-gurati kwistjoni li l-istess Avukat Generali jargumenta li kienet kwistjoni ta' ligi u mhux ta' fatt. Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-ewwel xhud tal-prosekuzzjoni kien l-ex Assistent Kummissarju tal-Pulizija Neil Harrison li fiz-zmien tal-allegati delitti kien ha hsieb l-operazzjoni tal-Pulizija li wasslet biex tixli lill-akkuzati, llum appellati. F' din l-ewwel udjenza, l-ex Assistent Kujmmissarju xehed illi l-operazzjoni kienet tinvoli konsenja kontrollata ta' droga li wasslet sabiex jkunu intercettati l-akkuzati. Huwa fatt mhux kontestat illi qatt qabel din id-deposizzjoni, inkluz allura waqt l-inkjesta *in genere* kif ukoll waqt il-kumpilazzjoni precedenti l-Att ta' Akkuza, ma kien issemma li

l-operazzjoni kienet suggett ta' konsenja kontrollata. Konsegwenza ta' hekk inqala' dibattitu bejn id-difiza u l-akkuza dwar il-validita' o meno ta' din il-konsenja kontrollata la darba ma kien hemm xejn fl-atti li juri dan u konsegwentement jekk dan il-fatt setghetx jifforma parti mill-provi quddiem il-guri f'dak l-istadju kif ukoll jekk dik il-konsenja kontrollata sartix skont id-dettamni tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Il-Qorti sejra aktar tard tirriproduci id-diskussjoni u d-decizzjoni tal-ewwel Qorti dwar l-oggezzjoni tad-difiza u l-eventwali parti mill-indirizz tal-Imhallef lill-guri, izda jokkorri qabel dan sintesi tal-fatti tal-kaz ghall-apprezzament ahjar tal-kwisjtoni hawn devoluta;

**III. <u>Il-fatti</u>:**

4. Lura fix-xahar ta' Gunju 2010, l-Iskwadra ta' kontra d-droga fi hdan il-Pulizija kienu nformati li kellha tiddahhal f' Malta minn fuq il-bahar konsenja ta' droga mill-inhawi tax-Xemxija. Fil-lejn ta' bejn id-29 u t-30 ta' Gunju, 2010, il-Pulizija skjeraw ruhom fil-post fejn kienet infurmata li kienet ser titnizzel id-droga u ghall habta tat-tmienja ta' filghodu tat-30 ta' Gunju, tfaccat speedboat bi tlett minn nies fuqha u trakkat ma' moll fix-Xemxija in naha mgharuf bhala l-Fekruna. Minn fuq din id-dghajsa nizel certu Nabil Ibrahim Saleh b'*haversack* (wara rrizulta li kien kontenti hwejjeg ta' abbiljament) li ghaddieh lill-akkuzat Gambin u zewg boroz li zamm f'idejh. Iz-zewg persuni l-ohra baqghu fid-dghajsa li telqet minn mall-moll appena zbarka Nabil. Dan tal-ahhar rikeb f'vettura misjuqa minn Gambin li saq wara vettura ohra misjuqa mill-appellat Babani. Dawn iz-zewg vetturi twaqqfu mill-Puliizja u osservaw li mill-vettura ta' Gambin intremew zewg boroz filwaqt illi l-passiggier ittenta jahrab minn fuq il-post izda safa intercettat ukoll mill-Pulizija. Iz-zewg boroz kienu

jikkontjenu tmienja u sebghin blokok suspettati resina tal-cannabis li wara analizi xjentifiki rrizultaw li kienu fl-affermattiv f'piz totali ta' ftit anqas minn ghoxrin kilo. Il-Pulizija ssuspettat illi l-akkuzat Gambin kien rema z-zewg boroz kontenti l-blokok mill-vettura tieghu meta mwaqqfa minnhom u li dawn t-tnejn kienu hadu konsenja taghhom minghand certu Nabil Ibrahim Saleh li dahal Malta klandestinament min-naha tax-Xemxija;

5. Minn ezami tal-atti jemergu b'mod aktar dettaljat is-segwenti dettalji:

- Din l-operazzjoni kienet rizultat ta' informazzjoni moghtija lill-*ex* Assistent Kummisarju tal-Pulizija Neil Harrison minn persuna li kien maghruf lilu li izda ma riedx isemmi la darba kien *informer*.
- Dan wassallu l-informazzjoni li Nabil Ibrahim Saleh kien qed jippjana jimporta gewwa Malta ammont konsiderevoli ta' droga u li kien talbu ghall-assistenza tieghu billi jitrasportah minn fuq l-ibhra barra minn Malta lejn ix-Xemxija bid-dghajsa.
- L-*informer* accetta li jghin lill-Pulizija billi jaccetta l-proposta li saritlu izda taht il-kundizzjonijiet u kontroll tal-Pulizija u ghal dan il-ghan, skont ix-xhieda tal-*ex* Assistenti Kummisarju, intalbet l-awtorizazzjoni ta' Magistrat sabiex issir konsenja kontrollata, liema awtorizazzjoni kellha tintalab fi tlett okkazjonijiet ghar-raguni li l-konsenja kienet qed tkun posposta.
- Fid-29 ta' Gunju, 2010, l-*ex* Assistent Kummissarju tal-Pulizija Neil Harrison, l-*ex Supretendent* Norbert Ciappara, is-Supretendent Dennis Theuma u l-*ex* Spettur Pierre Grech, lkoll mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, flimkien ma' madwar ghoxrin membru iehor tal-Pulizija hadu posthom

fejn il-moll tal-Fekkruna u qadu josservaw dak li kien qed jigri;

- L-akkuzati tfaccaw biz-zewg vetturi taghhom u qadu jistennew mal-moll. Hin minnhom telqu minn fuq il-post, regghu gew u regghu telqu sakemm rega tfaccaw l-ghada filghodu ghall-habta tat-tmienja fejn imbaghad tfaccat id-dghajsa.
- L-*informer* kien mgharraf minn Nabil biss dwar meta kellha ssir l-importazzjoni u ma kien jaf xejn dwar min kellu jkun fuq il-moll ghaliex dik kien ser jiehu hsiebha Nabil.
- L-akkuzati t-tnejn qalu li ma kellhom ebda hjiel li Nabil kien ser jimporta d-droga ghaliex meta ghamel kuntatt ma' Babani talbu jipprovdilu ghajnuna biex jidhol Malta klandestinament peress illi ma kellux visa wara li kien tkecca minn Malta u li ried jgi hawn biex jghin lill-mara tieghu li kellha bzonn awtorizazzjoni biex tmur il-Libja. Gambin jghid illi Babani kien talbu jaghmillu kumpanija u li uzaw zewg vetturi ghaliex l-ghada kellu l-Qorti u Babani seta jkompli jkur jarma x-xoghol li kellhom tal-MTV;
- Nabil huwa persuna mkecci minn Malta;
- Minn tfittxijiet li saru fir-residenzi tal-akkuzati ma rrizultawx hwejjeg konnessi mat-traffikar tad-droga jew xi ammonti ta' flus relevanti li jistghu iqanqlu suspett, jew cirkostanzi ohra li setghu iqanqlu suspett li l-akkuzi huma involuti fit-traffikar tad-droga;
- L-akkuzat Gambin jiggestixxi bar u huwa midhla tal-akkuzat Babani billi gieli qabdu jaghmillu xi xoghol inkluz f'dawk il-granet meta kien qed jarma stand ghall-MTV;

## IV. <u>Konsenja Kontrollata;</u>

**Deposizzjoni tal-ewwel xhud tal-Prosekuzzjoni li zvela li din kienet konsenja kontrollata**:

6. L-ex Assistent Kummissarju Neil Harrison spjega fix-xhieda tieghu r-raguni ghaliex qatt qabel matul il-proceduri kompilatorji ma ssemma l-fatt li din l-operazzjoni kienet tinvolvi konsenja kontrollata u ghaliex kien proprju f'dik l-ewwel deposizzjoni quddiem il-gurati li semma dan il-fatt. In sintesi jghid illi konsenja kontrollata hija, fiha nnifisha, operazzjoni sensittiva hafna li f'dan il-kaz kienet aktar komplikata peress illi kienet tinvolvi ukoll '*participating informer*' u li ghalhekk il-Pulizija kellha timxi b'kawtela kbira ghaliex appena tizvela dan il-fatti kien ikun facli ghall-akkuzati li jaslu ghall-identita' tal-*informer*. L-*ex* Assistent Kummissarju spjega ukoll ghaliex ghal din l-operazzjoni kien ottjena l-awtorizazzjoni ta' zewg Magistrati tal-Ghassa f'forma ta' tlett kunsensi bi tnejn minnhom mitluba minnu u iehor mill-*ex* Assistent Kummissarju tal-Pulizija Norbert Ciappara;

7. Illi appena ssemmiet il-kwistjoni tal-konsenja kontrollata, id-difiza taz-zewg appellati rregistraw l-opposizzjoni taghhom ghaliex dik kienet l-ewwel darba li qatt semghu b'dan il-fatt, Dak li jsegwi issa huwa riproduzzjoni ta' din l-opposizzjoni, id-decizzjoni tal-Qorti dwar il-punt ta' dritt sollevat mid-difiza fl-assenza tal-gurati u l-indirizz tal-Imhallef lill-gurati :

**Udjenza tal-25 t'April, 2016**:

*Dr. Franco Debono u Dr. Malcolm Mifsud ghad-difiza jirrilevaw, illi fl-ewwel lok, l-issue tal-controlled delivery giet imsemmija l-ewwel darba f'sitt snin illum fil-ftuh ta' dan il-guri u dan bi ksur tal-artikolu 440(3) tal-Kodici Kriminali (Kap 9). Illi inoltre id-difiza tirrileva illi minn imkien ma jirrizulta li gie segwit dak rikjest fl-artikolu 30B tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirrikjedi li l-controlled delivery ghandha ssir bil-kunsens ta' Magistrat jew l-Avukat Generali u ghaldaqstant dan ifisser illi din l-operazzjoni kollha ma saritx skont il-ligi. Illi inoltre la darba din l-issue tal-controlled delivery, ssemmiet l-ewwel darba llum, dan ifisser illi d-difiza giet imcahhda milli tikkontesta l-illegalita' tal-operazzjoni kollha kemm hi, inkluz li titlob l-isfilz ta' kull xhieda, dokument jew prova ohra ottjenuti bi ksur tal-istess dispozizzjoni tal-artikolu 30B tal-Kap 101. Illi dan kollu mhux biss huwa ta' pregudizzju kbir ghal-akkuzati izda wkoll ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja nnifisha.*

*Id-difiza kolleggjalment titlob lil din l-Onorabbli Qorti taghti id-direttivi u ordnijiet taghha fic-cirkostanzi.*

*Dr. Giannella Camilleri Busuttil ghall-AG tirrileva fl-ewwel lok, illi ma jirrizulta li sar l-ebda ksur tal-artikolu 440(3) tal-kap 9, iccitat mid-difiza u dan stante li l-ebda xhud, dokument jew oggett gdid ma ngab quddiem din il-Qorti. Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi is-sitwazzjoni bhal dik odjerna fejn fuq domandi lill-ufficjal investigattiv, irrizulta li saret konsenja kkontrollata ai termini tal-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 diga' kienet giet riskontrata fi proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit illi f'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni tixtieq ukoll tghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Jannar, 2016. Illi b'referenza wkoll ghas-sottomissjoni tad-difiza li f'dan il-kaz il-konsenja kkontrollata ma saritx kontra l-ligi, il-prosekuzzjoni tghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Andre' Falzon' deciza minn din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta nhar l-10 ta' Ottubru, 2012, fejn il-Qorti rrilevat li minn ezami akkurat tal-artikolu 30B tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta mkien ma jirrizulta li dan il-kunsens bilfors irid isir bil-miktub, illi dawn id-dokumenti m'humiex necessarji ghal-validita' tal-konsenja, izda l-importanti huwa li jkun hemm prova illi l-Magistrat ikun gie nfurmat u ta il-kunsens tieghu.*

*Illi il-Qorti kienet irriteniet ukoll illi din il-prova tista' ssir b'diversi modi jew dokumenti jew inkella bix-xhieda guramentata tal-ispettur li jkun ottjena tali permess.*

*Illi l-prosekuzzjoni tirrileva illi fil-kaz odjern, l-Ex-Assistent Kummissarju Neil Harrison, iddikjara bil-gurament tieghu illi huwa kien ottjena tali awtorizzazjoni minn Magistrat.*

*Illi invista ta' dan kollu suespost, il-prosekuzzjoni tirrileva illi jirrizulta mix-xhieda tal-Ex Assistent Kummissarju Neil Harrison illi l-procedura kollha tal-konsejna kkontrollata saret skont l-ligi u ghaldaqstant ma hemm l-ebda impediment li din il-konsenja kkotrollata tigi a konjizzjoni tal-gurati, kif fil-fatt sehh fil-kaz precedentement imsemmi 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit'.*

*Il-Qorti,*

*Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza u tal-prosekuzzjoni;*

*Ghalkemm tiddeplora l-fatt illi x-xhud l-Ex-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Neil Harrison li mexxa din l-investigazzjoni semma bhala fatt issa fi stadju tal-guri illi kienet saret controlled delivery, fil-kors tal-investigazzjoni, fatt illi qatt ma ngieb a konjizzjoni tal-Qorti fi stadju ta' kumpliazzjoni. Madanakollu, ma hemm l'ebda divjiet fil-ligi, li jitressaq dan il-fatt gdid f'dan l-istadju. B'dana dejjem illi d-difiza tinghata kull opportunita', li tghamel il-kontro ezamijiet kollha mehtiega sabiex tkun tista' tikkontrolla dan il-fatt gdid migjub a konjizzjoni taghha, f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri. B'mod ukoll ghalehkk li tkun tista' tikkontrolla il-validita' o meno, ta' din il-procedura investigattiva, intrapriza f'kors ta' investigazzjoni, li wasslet sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-akkuzati odjerni.*

*Il-Qorti ghalhekk tqis li huwa prematur ghad-difiza li tattakka il-validita' ta' dawn il-fatti godda, msemmija mix-xhud, haga li d-difiza tkun tista' tghamel wara li tkun ghamlet il-kontroezamijiet necessarji, u ghalhekk wara li jkollha kontroll shih ta' dak li jkun xehed ix-xhud.*

*Il-Qorti ghalhekk tordna il-prosegwiment tas-smiegh tax-xhieda tal-Ex. Assistent Kummissarju Neil Harrison.*

**Udjenza tas-27 t'April, 2016**

*Dr. Giannella Busuttil ghal-prosekuzzjoni qed titlob illi in vista tax-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija minn fejn irrizulta li f'dan il-kaz kienet sehhet operazzjoni ta' 'controlled delivery' awtorizzat mill-Magistrat u stante li ghar-ragunijiet indikati mill-istess Ufficjali tal-Pulizija huma dejjem sahqu li is-sors tal-informazzjoni li kellhom ma ghandux jigi zvelat u fil-fatt da*

*parti taghhom qatt ma gie zvelat dan is-sors, titlob lil Qorti illi tghati direzzjoni sabiex kwalunkwe rapportagg li jkun hemm dwar dawn il-proceduri ma jinghataw l-ebda dettallji*

*Dr. Franco Debono ghad-difiza jirrileva illi l-proceduri huma pubblici, illi l-issue tal-controlled deliviery stranament issemmiet l-ewwel darba f'dan il-guri, sitt snin wara li nbdew il-proceduri u li mix-xhieda mismugha sa issa jezisti dubju serju jekk din l-operazzjoni tikkwalifikax bhala controlled delivery. Illi inoltre l-informer kien aktar minn hekk stante li rrizulta li seta' kien qieghed jippartecipa fit-twettieq ta' dan ir-reat stante li kif irrizulta mix-xhieda, jista jghati l-kaz li dan ma kienx sempliciment informer, pero' seta kien anke qieghed jippartecipa f'dan ir-reat.*

*Il-Qorti,*

*Semghet is-sottomissjonjiet tal-partijiet.*

*Gialadarba jirrizulta mix-xhieda li s-sors tal-informazzjoni kienet wahda kunfidenzjali u li l-persuna jew l-isem tal-informer qatt ma gie zvelat fil-kors tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, il-Qorti ma tqisx illi ghandu jkun hemm xi divjiet fil-pubblikazzjoni ta' dawn il-proceduri b'dan illi tigbed l-attennzjoni tal-membri tal-media sabiex ir-rappurtagg ikun wiehed fidil lejn dak li jkun qed jigri fl-awla ta' din il-Qorti u mhux jigu rappurtati xi suppozizzjonijiet jew kongetturi li ma jkunux riflessi fix-xhieda li tkun instemghet.*

**Fl-istess udjenza – aktar tard**

*Dr. Malcolm Mifsud ghall-akkuzat Adel Mohammed Babani jghamel referenza ghad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-25 ta' April, 2016 fejn iddeplorat il-fatt li s-Sur Harrison informa l-ewwel darba lil Qorti dwar il-controlled delivery, izda rriservat li tipprovdi wara li tinstema' ix-xhieda u jsir il-kontro ezami. Illi l-Qorti semghet sew lis-sur Harrison, kif ukoll lis-sinjuri Ciappara, Theuma u Grech, kif ukoll saru il-kontroezamijiet.*

*Illi l-akkuzat jidhirlu li l-elementi ta' controlled delivery ma jezistux f'dan il-kaz partikolari. Issir referenza ghall-artikolu 30B tal-Kap 101 fejn il-controlled delivery irid isir 'with the knowledge and under the supervision of the executive police'. Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni li nstemghu sa' llum jidher bl-aktar mod car li ma kienx hemm supervizzjoni mill-pulizija, jidher car mix-xheida tal-prosekuzzjoni li fuq id-dghajsa ma kien hemm l-ebda membru tal-korp tal-pulizija, jidher car biss li l-pulizija kienu jafu li se tiddahhal id-droga minn terza persuna li ismhu huwa kunfidenzjali ghall-*

*pulizija u b'hekk dan ma jikkostitwix controlled delivery kif hemm espressament fil-ligi.*

*Illi barra minn hekk jidher car illi l-pulizija minn kmieni fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni allegatament kellhom f'idejhom dokumenti fejn jawtorizzaw xi controlled delivery.*

*Illi sa' llum dawn id-dokumenti ma gewx pprezentati l-Qorti, illi skont il-best evidence rule, kull dokument ghandu jingab quddiem il-Qorti sew fl-istadju tal-kumpilazzjoni u sew quddiem il-Qorti li ser tiggudika l-kaz. Barra minn hekk, l-akkuzat jirrileva illi inkisret disposizzjoni ohra tal-Kap 101, igifieri l-artikolu 29 fejn is-Sur Harrison spjega li l-informant kien se jibbenfika minn l-artikolu 29 f'proceduri indipendenti minn dawn il-proceduri ta' llum.*

*L-artikolu 29:*

*'Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs.'*

*Illi peress illi din il-persuna jew l-isem ta' din il-persuna huwa kunfidenzjali, l-Qorti hija inibita li tkun taf jekk il-persuni involuti f'dan il-kaz, jikkwalifikawx taht dan l-artikolu tal-ligi.*

*L-akkuzat iqis illi dan il-fatt ma huwiex fatt li ghandhom jiddeciduh l-akkuzati, imma il-validita' o meno tal-allegata controlled delivery, huwa purament punt ta' ligi. B'hekk qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara lil gurati li*

1. *Ma hemm l-ebda prova ta' controlled delivery, alternattivament*
2. *Tiddikjara l-operazzjoni kollha tal-pulizija bhala wahda illegali stante li l-elementi ta' controlled delivery u l-partecipazzjoni ta' terza persuna ma tinkwadrax fl-artikou 30B tal-Kap 101*
3. *Li jsir ordni li kwalunkwe xhud li tista' tressaq il-prosekuzzjoni, ma tistax tirreferi lejn operazzjoni illegali u mhux ibbazata fuq il-ligi.*

*Dr. Franco Debono ghall-akkuzat Godfrey Gambin assocja ruhu f'dan il-verbal.*

*Saru s-sottomissjonijiet fuq dan il-punt.*

*Dr. Giannella Busuttil ghall-Prosekuzzjoni tirrileva illi dan il-kaz saret referenza ghall-procedura tal-controlled delivery wara illi l-ewwel xhud tal-prosekuzzjoni l-Ex. Assistent Kummissarju Neil Harrison kien gie specifikatament mistoqsi ghal-aktar minn darba dwar il-mod kif kienet bdiet din l-operazzjoni illi saret.*

*Illi f'dan ir-rgiward il-prosekuzzjoni terga' ghal-darba ohra tghamel referenza ghas-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Jannar, 2016 fejn kienet irrizultat sitwazzjoni simili ghal dik odjerna fejn ufficjal tal-pulziija meta mistoqsi kien iddikjara li fil-fatt l-operazzjoni kienet controlled delivery.*

*Illi b'differenza ghall-dak il-kaz, fejn kienu diga' instemghu numru ta' xhieda, fil-kaz odjern din l-informazzjoni inghatat meta kien qed jixhed l-ewwel xhud. Illi ghaldaqstant, din il-Qorti meta diga' hekk mitluba mill-bank tad-difiza, kienet diga' tat direzzjoni dwar dan u dan stante illi fi stadju tant bikri tal-proceduri, l-avukati tad-difiza, kellhom kull opportunita li jghamlu l-kontroezami mhux biss tal-Ex. Assistent Kummissarju Neil Harrison izda wkoll tax-xhieda l-ohra kollha sussegwenti.*

*Illi b'referenza ghal-dik il-parti tal-verbal li saret mid-difiza fir-rigward tal-artikolu 30B tal-kap. 101, l-esponent jirrileva illi d-dicitura tal-istess artikolu tirrikjedi biss illi jkun hemm awtorizzazjoni da parti ta' Magistrat jew l-Avukat Generali. Illi fil-kaz odjern smajna diversi xhieda, senjatament l-Ex. Assistent Kummissarju Neil Harrison, li ddikjara taht gurament illi tali awtorizzazjoni kienet fil-fatt inkisbet mill-Magistrat u li fil-fatt kien hemm tlett dokumenti ta' awtorizzazjoni u semmielna wkoll il-Magistrati rispettivi li kienu taw l-istess awtorizzazjonijiet, li f'dan ir-rigward, il-prosekuzzjoni tirrileva fl-ewwel lok, illi minn ezami akkurat tal-artikou 30B tal-Kap 101, imkien ma jirrizulta li tali awtorizzazjoni trid tkun bil-miktub. Hawnhekk issir referenza ghall-darba ohra, ghas-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Falzon, moghtija minn din l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta mghotija 10 ta' Ottubru 2012, fejn gie rilevat illi dawn id-dokumenti ma humiex necessarji ghal-validita' tal-konsenja izda l-importanti illi jkun hemm prova illi l-Magistrat ikun gie infurmat u ta' l-kunsens tieghu. Fl-istess sentenza gie rilevat ukoll li din il-prova tista' ssir b'diversi modi, jew documenti, jew inkella bix-xhieda guramentata tal-ispettur li jkun ottjena tali permess. Illi f'dan il-kaz xehed l-Ex. Assistent Kummissarju Neil Harrison, illi xehed bil-gurament tieghu li kien ottjena tali permess. Illi fit-tieni lok, il-prosekuzzjoni tirrileva illi hija ma ghandha l-ebda diffikulta li titlob li jigi riprodott wiehed mix-xhieda li diga' nstemghu quddiem din il-Qorti sabiex ikunu jistghu jghatu dettalji*

*ulterjuri dwar data jew dettalji ohra rikjesti mid-difiza, sussidjarjament f'kaz illi din il-Qorti thoss il-htiega, il-prosekuzzjoni illi dan ix-xhud jerga' jigi riprodott biex jesebixxi dawn id-dokumenti. B'dana illi l-original jkun jista' jingab a konjizzjoni ta' din il-Qorti filwaqt li l-partijiet jinghataw kopja tal-istess dokumenti, bid-dettalji li jistghu iwasslu ghas-sors tal-informazzjoni ikkancellati.*

*Illi invista ta' dak kollu suespost, l-Avukat Generali joggezzjona ghat-talbiet kollha li saru mill-bank tad-difiza stante li jirrizulta bic-car:*

*1. Illi hemm prova li effettivament saret din il-controlled delivery.*
*2. Illi l-operazzjoni kienet wahda legali u awtorizata ai termini tal-artikolu 30B.*
*3. Konsegwentement, ghaldaqstant, kwalunkwe xhud iehor li sejjer jitressaq mill-prosekuzzjoni jista' jghamel referenza ghal din l-operazzjoni li saret ai termini tal-ligi.*

*Id-difiza kollegjalment tiddikjara li qed toggezzjoni ghat-talba tal-prosekuzzjoni li jerga' jigi prodott ix-xhud.*

**Fl-istess udjenza aktar tard**

*Il-Qorti,*

*Wara li rat il-verbali tad-difiza u l-prosekuzzjoni.*

*Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.*

*Ikkunsidrat,*

*Illi dan id-digriet huwa imsejjes fuq talba maghmula mid-difiza kolleggjalment sabiex din il-Qorti tiddikjara lil gurati li*

*1. Ma hemm l-ebda prova ta' controlled delivery, alternattivament*
*2. Tiddikjara l-operazzjoni kollha tal-pulizija bhala wahda illegali stante li l-elementi ta' controlled delivery u l-partecipazzjoni ta' terza persuna ma tinkwadrax ruhha fl-artikou 30B tal-kap 101.*
*3. Li jsir ordni li kwalunkwe xhud li tista' tressaq il-prosekuzzjoni, ma tistax tirreferi lejn operazzjoni illegali u mhux ibbazata fuq il-ligi.*

*Din it-talba qed issir mid-difiza wara li instemghu l-ufficjali investigattivi involuti f'dan il-kaz li taw ix-xhieda taghhom in konnessjoni ma'l-operazzjoni mehuda minnhom li wassal ghall-intercettazzjoni tad-droga mertu ta' dan il-guri. Dan ghaliex in-natura ta'l-operazzjoni bhala wahda*

*ta' controlled delivery ai termini ta'l-artikolu 30B tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta gie indikat issa mill-ufficjali investigattivi u mhux fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Id-difiza tishaq illi ma ingiebet l-ebda prova sabiex tidnika illi din l-awtorizazzjoni saret skont il-ligi u cioe' taht is-supervizjoni diretta tal-ufficjali tal-pulizija u ukoll bl-awtorizazzjuoni mehtiega rilaxxjata minn Magistrat jew l-Avukat Generali. Jishqu illi il-fatt wahdu dikjarat mix-xhieda tal-prosekuzzjoni illi tali awtorizazzjoni tezisti u giet miksuba skont il-ligi liema awtorizazzjoni hija allegatament riflessa f'tlett dokumenti ta' kunsens moghtija tnejn minnhom mill-Magistrat Lawrence Quintano u iehor mill-Magistrat Giovanni Grixti ma tikkostitwixxi l-ebda prova skont il-ligi ta' tali awtorizazzjoni billi id-dikjarazzjoni bil-gurament tal-ufficjal tal-pulizija mhijiex l-ahjar prova li tista' tressaq il-Proskeuzzjoni fir-rigward.*

*Ikkunsidrat,*

*Illi fil-kamp penali, kif inhu ben risaput hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. L-akkuzat jew akkuzati ma ghandhom ghalfejn jaghmlu xejn u anzi ghandhom id-dritt ghas-silenzju. Meta allura il-prosekuzzjoni tressaq il-kaz taghha abbazi ta' provi li minn natura taghhom ma jkunux sufficjenti skont il-ligi dik ma ghandhiex twassal lil bank tad-difiza sabiex tipprotesta illi l-prosekuzzjoni ma hijiex qed tressaq il-kaz taghha bl-oneru li tpoggi fuqha il-ligi. Tali argument jista biss ikun il-bazi tad-difiza ta'l-akkuzat izda certament mhux wiehed li jista iwassal ghal xi forma ta' oggezzjoni ghal mod kif dawn il-provi qed jitressqu.*

*Issa l-kwistjoni dwar jekk l-operazzjoni tal-controlled delivery gietx ippruvat bhala wahda li kienet valida skont il-ligi hija prova li tispetta lill-prosekuzzjoni. Id-difiza minn naha taghha tista jew permezz ta' kontro-ezamijiet, jew permezz ta' provi ohra jew sottomissjonijiet tipprova ixxejjen tali prova izda mhux li a priori titlob il-Qorti sabiex tiskarta dina l-prova li qed titressaq mill-prosekuzzjoni , jew inkella illi titlob lil gurati jiskartaw tali prova f'dan l-istadju. Semmai meta il-Qorti tigi biex taghmel l-indirizz taghha lill-gurati taghti dawk il-gwidi kollha necessarji skont il-ligi sabiex taghtihom direzzjoni f'dak li jikkostitwixxi prova valida skont il-ligi u dak li mhuwiex tali. Lanqas allura ma tista il-Qorti tipprojbixxi lill-prosekuzzjoni li tressaq xi prova jew li taghmel dawk il-mistoqsijiet li hija jidhrilha xieraq. Spetta ghad-difiza, imbaghad, kif diga dikjarat minn din il-qorti fid-digriet precedenti taghha illi tipprova ixxejjen dik il-prova bil-mod kif inghad.*

*Illi huwa biss fi stadju tal-indirizz tal-ghleuq illi din il-qorti ghandha taghti dawk id-direttivi lill-gurati fir-rigward ta' dak li tiddisponi il-ligi u dwar il-validita o meno ta' prova.*

*Illi sahansitra qabel ma gew introdotti id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 30B tal-Kapitolu 101, l-entrapment ghalkemm kien iservi bhala difiza madanakollu kien jiswa biss ghal mitigazzjoni fil-piena u mhux ghal ezonerazzjoni mir-responsabbilita' kriminali ghaliex kif kif gie deciz mill-qorti ta'l-appell Kriminali (sede superjuri) fis-sentenza Ir-Repubblika Ta' Malta Vs Eugenio Sive Genio Gaffarena :*

*"… m'hemmx ikkontemplata fil-ligi taghna xi ezenzjoni mir-responsabbilita' kriminali ghal min jikkommetti reat taht l-istigazzjoni ta' agent provokatur tal-pulizija, sakemm hu ppruvat li dak li jkun, ikun agixxa xjentement. Il-bniedem hu prezunt mil-ligi li jintendi u jrid dak li jaghmel u l-ezenzjoni mir-responsabblita' kriminali hi relatata biss ma' l-incapacita' di intendere e' di volere, ma' certu tip ta' bonafede, mal-kuncett ta' coercion (vide artikolu 33 (b) tal-Kap. 9), mal-kuncett f'certu sens limitat ta' necessistas, mad-dritt tal-legittima difiza u mal-kuncett tas-subjezzjoni civili f'sens limitat hafna u ma xejn izjed.*

*Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tistax issib bazi legali fil-limiti tas-sistema taghna li bih galadarba li persuna "intrappolata" tkun agixxiet xjentement, tikkunsidra bhal li kieku ma ghamlet xejn hlief fejn l-ingann ikun tali li jinducih jahseb li qed jaghmel xi haga tajba u utili minflok att ta' vjolazzjoni ovvja tal-ligi. Fis-sistema taghna ma tezistix il-possibbilita' li persuna li tkun ikkommettiet reat ghaliex imhajra, istigata, ikkmandata minn haddiehor, tkun ezenti mir-responsabbilita' kriminali, jekk tkun agixxiet xjentement u ma tikkwalifikax taht xi ezenzjoni ohra minn dawk imsemmija."*

*Illi ghaldaqstant it-talba kif maghmula mid-difiza, ghalkemm tista' tikkostitwixxi difiza valida, madanakollu ma tistax twassal sabiex f'dan l-istadju jigi eskluz illi jingiebu xi provi in konnessjoni ma' dak li rejalment sehh u cioe' illi l-operazzjoni li kienet fl-isfond ta'dan il-process penali kienet wahda ta' controlled delivery. Issa jekk tali controlled delivery kenitx wahda valida o meno hija difiza li jistghu iressqu l-akkuzati u rimessi ghal gudizzju tal-gurati wara li dawn ikunu inghataw id-direttivi opportuni minn din il-Qorti fl-indirizz finali.*

*Finalment il-qorti ma tistax tilqa' it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex wara li insemtghu x-xhieda ewlenija u gew ikkonto-ezaminati jergghu jingiebu jixhdu fuq fatti li dwarhom setghu jigu mistoqsija meta huma hadu il-pedana tax-xhieda. In-nuqqas da parti taz-zewg nahat milli jaghmlu dawk*

*il-mistoqsijiet kollha pertinenti ma jistax jaghtihom il-jedd illi jerrghu iressqu tali xhieda meta kienu ben konxju sa mil-bidu-nett ta' dawn il-proceduri illi kien hemm kontestazzjoni dwar il-mod kif sehhet l-operazzjoni tal-pulizija. Ghaldqstant it-talba ta'l-Avukat Generali qed tigi michuda ukoll ghaliex tista' tippregudika f'dan l-istadju id-difiza ta' l-akkuzati. Illi ghalkemm il-ligi taghti il-jedd lil qorti li taghmel dak kollu li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verità, madanakollu dan ma ifissirx illi l-qorti ghandha tirregola hi il-mod kif il-partijiet joghgobhom iressqu il-provi taghhom u li fin-nuqqas illi iressqu xi prova il-qorti ghandha taghmel xogholhom hi u ghalhekk dak mitlub mill-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.*

*Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tichad it-talba tad-difiza wkoll u tordna il-presgwiment tas-smigh tal-provi.*

## V. <u>**Indirizz tal-Imhallef lill-gurati**</u>:

8. Illi in segwitu tat-tkomplija tas-smiegh tal-provi u l-indirizzi sia minn naha tal-bank tal-akkuza kif ukoll minn dak tad-difiza, l-Imhallef naturalment ghaddiet sabiex tindirizza lill-gurati qabel id-deliberazzjoni taghhom u ghalhekk ser ikun riprodott dak il-parti tal-indirizz li jirrigwarda l-incident dwar il-konsenja kontrollata.

Fol 406 tat-traskrizzjoni:

Kif diga' ghidt l- akkużati qed isejsu d- difiża ewlenija taghhom fuq l- element intenzjonali. Qed jghidulna isma' hawnhekk fil-kommissjoni ta' dan ir-reat l-element intenzjonali huwa nieqes. Qed jghidulna li l- akkużati ma kellhomx intenzjoni la li jittraffikaw droga, la li jassoċjaw ruhhom li tigi traffikata d-droga, la li tigi mportata d- droga u lanqas kienu jafu li kien hemm id-droga. Ghaliex? Ghax huma qed jghidu ahna f' mohhna kien hemm illi dan il- bniedem kien gej Malta biex jidhol illegalment hawnhekk. Ma kellux il–permessi biex jidhol Malta u kien diehel Malta illegalment u ahna f' mohhna dik li kellna, il- hsieb li nghinuh biex jaghmel din il- biċċa ta' x-xoghol, mhux il-bicca ta' x-xoghol l-ohra.

9. Wara spjega fuq il-*best evidence rule* u fuq il-procedura mill-fazi tal-inkjesta sal-eccezzjonijiet quddiem il-Qorti Kriminali wara l-hrug tal-Att ta' Akkuza, l-Imhallef kompliet hekk fl-indirizz taghha: (a fol 409 *et seq*)

> Issa x'inhi l- kontestazzjoni? Qed insemmi dan il-process kollu forsi qed indejjaqkom ukoll imma qed insemmiha ghal raġuni sempliċi : ghaliex id- Difiza hawnhekk ghamlet oġġezzjoni minhabba li l–fatti kif esposti fl- istadju ta' kumpilazzjoni ma kienux dawk il–fatti li gew esposti hawnhekk meta l- ġuri beda kif diga' ndunajtu. Id- Difiza targumenta li meta gew preżentati l- fatti quddiem il- Qorti tal- Magistrati, meta allura kellhom jigu kompilati u presevati l–fatti kollha ta' dak il- kaz il- fatt illi x' kienet in- natura tal–operazzjoni li wettqu l-pulizija sabiex waslu biex jixlu lil akkużati bir- reati taghhom dik ma ssemmietx, anzi mhux ma ssemmietx jiġifieri taw x' jifhem illi kienet xi haga ohra.
>
> Ghadda z-zmien, ghaddew sitt snin, dawn is-sitt snin dan il- fatt qatt ma hareg. Ma ġiex preservat, ma ġiex ikkonservat u lanqas gie msemmi fl–ebda mod tul il-process kollu. Gara allura li meta harget l- att tal- akkuża d-Difiza ma kellhiex preżentata quddiemha din il-prova. Ma setghetx allura qed tghid id- Difiza tressaq l-oġġezzjonijiet taghha ghal validita' o meno ta' dik il–prova. Biex ukoll tkun f' posizzjoni ahjar tippreżenta d- difiża taghha.
>
> Allura qamet din l- oġġezzjoni, qed jghiduli isma' jiena hawnhekk ġejt ippreżentat bi stat ta' fatt li jiena ma kontx a konoxxjenza tieghu u li kellu jinġieb a konoxxjenza tieghi qabel. Ghaliex? Ghaliex ovvjament kif diga' spjegajtilkom l–akkuzat ghandu d-dritt ihejji d –Difiza tieghu, Dr Debono qal l- akkużat ghandu hafna drittijiet, ġustament veru u hekk ghandu jkun ghaliex l- akkużat ikun qed jaffaccja akkużi kriminali serji, ghandu dritt jipprepara d-difiża tieghu biex meta jiġi hawnhekk ghal ġuri jkun jaf bil- fatti kollha u mhux jiġi sorpriż b' xi haga ġdida li hu ma kienx jaf biha.
>
> U jiena ghalhekk semmejtilkom il–best evidence rule, ghaliex il – best evidence rule tghidlek li bhala regola ghandha titqies li tinġieb il- prova l –aktar shiha u sodisfaċenti li l–kaz ikun jaghti.
>
> Issa Sinjuri Gurati araw intom, inhalli f' idejkom biex taraw x' sehh f'dan il-kaz. Il- fatti gew esposti hawnhekk, tafu x' gara u ma garax, nahseb ad nauseam din inreddnuhielkom, kulhadd iredden fuq din il- controlled delivery, issa nispjegalkom ukoll x' inhi controlled

delivery biex tkunu tafu wkoll, issa nispjegalkom ukoll x' inhu entrapment ukoll biex tkunu tafu.

Madanakollu nixtieq nippuntawlizzalkom haga fuq din ta' l-controlled delivery, issa nghidhielkom wara, illi żżommu quddiem ghajnejkom illi d- Difiza x' qed tghid? Id-Difiza qed tghidilna isma' kelli kull dritt inkun naf biha din il- prova, jigifieri l–proceduri kif suppost jimxu din il-prova suppost harget fl-istadju tal–kumpilazzjoni u mhux issa fl- istadju tal- ġuri biex kien ikollhom il-hin jippreparaw id- difiża taghhom, madanakollu qed jghidu isma' d-difiża taghna hija ewlenija fuq l-intenzjoni umbaghad hemm id-difizi sussidjarji. Ma hijiex difiża taghhom illi ghax il – controlled delivery ma hijiex valida jew entrapment u mhux entrapment. Madanakollu qed jghidulkom isma' pero' din tridu tqisuha meta taslu biex intom tgharblu l- fatti, tridu tqisuha meta intom tigu biex taraw il–fatti tal- kaz u tgharblu x- xhieda li gew preżentati quddiemkom. Ghal dak il- fatt biss illi d- Difiza nsistew fuq dan il- punt.

Pagna 413 tat-traskrizzjoni, l-Indirizz isegwi hekk:

Issa telghu jixhdu bil- ġurament. Li qed tikkontendi d- Difiza hi jekk dik il-prova hijiex suffiċjenti, ghaliex ghalhekk spjegajtilkom fuq il-best evidence rule jien. Qed jghidulkom isma' hemm dik il-best evidence rule li tghid li inti trid iġġib l–ahjar prova. Issa araw intom jekk dak il- fatt li gie l-ufficjal prosekutur hawnhekk jikkonferma bil- ġurament illi kien hemm tliet awtorizzazzjonijiet minn żewġ maġistrati differenti, tnejn mill-Magistrat illum Imhallef irtirat Lawrence Quintano u wiehed mill-Magistrat Giovanni Grixti, illum Imhallef ukoll. Jigifieri qed jghidulna isma' dawn qeghdin hemm u ghandi minn żewġ maġistrati, hemm tlieta, ghaliex jghidulna li l-operazzjoni kellha tibda f' April, kienet diga' kellha ssir u thassret minhabba l-maltemp, issa jiena nidhol u naghtikom id- dettalji ta' x-xhieda, u allura ma saritx u kellna nergghu navvicinaw lil Magistrat biex nergghu niksbu awtorizzazzjoni ohra biex terga' ssir il- konsenja l- ohra. Ghaliex kull darba ovvjament li inti taghmel xi tip ta' konsenja, kull darba li taghmel xi tip ta' pass inti trid tikseb il-kunsens, jew ta' l-Avukat Generali jew tal–Magistrat.

Issa d- Difiza qed tghidilkom isma' ahna hekk biss ghandna, il-kliem ta' dak x' qed jghidulna l-ufficjali investigattivi. Din il- prova on black and white ta' meta kellha ssir il-konsenja, kif kellha ssir,

il-procedura kif kellha tigi segwita, x' kellu jsir ghaliex ovvjament meta tinkiseb il-kunsens ikun hemm ovvjament id-dettalji ta' kif ser issir il-konsenja dettaljata – qed jghidulkom isma' dik ma ghandniex. Ghandna biss il–kelma tal- uffiċjali Harrison, tas-Sur Theuma, ta' s-Sur Ciappara li qed jghidulna isma' dan qieghed hemm pero' ahna ma rajniehx. Ahna ma rajniehx u allura l- ahjar prova kif kellhom id- dmir li jaghmlu l- Prosekuzzjoni ma ngabitx.

Issa again, dik f' idejkom, araw il–fatti kif inhuma, u araw intom thossux illi hemmx prova jew ma hemmx. <u>Kif diga' spjegajtilkom il-kwistjoni tal-konsenja kontrollata saritx skont il-ligi, ma saritx skont il-ligi, hijiex prova valida jew ma hijiex ovvjament ma hijiex id- difiża li qed iressqu l- akkużati imma hija l- argument taghhom ta' kif ghandna nqisu l- provi kif gew ippreżentati hawnhekk quddiemna f'dan il-guri u l-mod kif gew ippreżentati</u>. Jigifieri d-Difiza kienx konsenja kontrollata, kienetx entrapment, kienetx whatever it was, l- operazzjoni x' kienet ahna qed nghidu li dik ma konniex nafu biha u ma kellniex intenzjoni li naghmlu dak li qed niġu akkużati bih. Pero' ovvjament jiena rrid insemmihulkom ghaliex heq kienet parti ovvjament minn dan il- ġuri li ghixna kollha kemm ahna hawnhekk u smajna x-xhieda jixhdu u x' gara u ma garax, allura bilfors jiena obbligata li nsemmihomkom fil –gwida li ser intikom.

Issa wara li dorna x-xhieda kollha, ghamiltilkom in-notamenti li hadt jien, ha naghtikom ftit linji gwida fuq kif ghandkom timxu. U dan ovvjament fid- dawl tal-linji difensjonali li gew imressqa mid-Difiza.

F'pagna 458:

Il- linja ewlenija ha nghid hekk difensjonali li hija komuni ghaz-żewġ akkużati hija kif diga' accennajna rigward l- element intenzjonali fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati. X' qed jghidu d-Difiza? Id- Difiza qed jghidu li l- element intenzjonali huwa nieqes, jghidu li ma hemmx xjenza. Jigifieri huma ma kienux jafu li kienet ġejja d-droga u huma kienu hasbu li marru hemmhekk biex jilqghu lil dan Nabil Saleh li kien diehel Malta llegalment.

F'pagna 459:

Nerga' nghidilkom illi hawnhekk ovvjament saret, kien hawn din id-dibattitu ghaddej u anka mix- xhieda harget il- kwistjoni ta' l-controlled delivery u entrapment u mhux entrapment, u jekk il – controlled delivery kienetx valida skont il–ligi, ovvjament intom

tridu tharsu lejn il –kwadri kollha ta’ l- fatti u taghtu piz lil kull prova li tkun tressqet hawn gew, pero’ nerga’ nghidilkom illi l-linja difensjonali hija fuq l- intenzjoni, mhix linja difensjonali jekk in –natura tal–operazzjoni intrapriża mill-pulizija. Dik tiehduha in konsiderazzjoni meta tqisu l- fatti kif sehhew, pero’ ma hijiex ser tinfluwixxi fuq il-linja difensjonali. Ghax dik diga’ ghidtilkom, jekk l- intenzjoni kienet wahda illi huma jmorru hemmhekk biex jirċievu d- droga allura l- mod kif saret dik l-operazzjoni ftit li xejn ikollha rilevanza. Pero’ tridu tqisuha fil –kwadri kollha tal- fatti.

10. Din il-Qorti hasset il-htiega li tirriproduci estensivament mill-indirizz tal-Imhallef lill-guri bil-ghan illi tezamina fejn, skont l-appellant, halliet ghad-decizjoni tal-guri l-kwistjoni jekk il-konsenja kontrollata kienitx wahda valida jew le. Minn ezami akkurat ta’ dan l-indirizz, kif ukoll mid-digriet tal-ewwel Qorti ukoll riportat *supra*, ma jidhirx li l-Imhallef gwidat lill-gurati b’mod li halliet ghad-decizjoni sovrana taghhom jekk il-konsenja kontrollata kienitx wahda valida jew skont il-ligi u oltre minn hekk illi fil-kaz wiehed jew l-iehor din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fid-decizzjoni taghhom dwar l-akkuzi;

11. L-Imhallef kienet legalment korretta kif ukoll preciza bil-mod kif ippostulat il-kwistjoni tal-konsenja kontrollata li fil-fehma ta’ din il-Qorti hija sitwazzjoni ferm difficli li ghandha sia mill-aspett legali kif ukoll minn dak fattwali. L-Imhallef fil-guri ghamlitha cara kemm il-darba lill-gurati illi l-kwistjoni ta’ kif saret il-konsenja kontrollata u l-kwistjoni tal-validita’ kellha titqies minnhom fil-kumpless jew il-“*kwadru kollu ta’ l-fatti u taghtu piz lil kull prova li tkun tressqet hawn gew,* ***<u>pero’ nerga nghidilkom illi l-linja difensjonali hija fuq l-intenzjoni, mhix linja difensjonali jekk in-natura tal-operazzjoni intrapriza mill-pulizija. Dik tehduha in konsiderazzjoni meta tqisu l-</u>***

***fatti kif sehhew, pero' ma hijiex ser tinfluwixxi fuq il-linja difensjonali"***. (pagna 459 tat-traskrizzjoni – enfasi ta' din il-Qorti).

12. Din il-parti tal-indirizz kien in segwitu ghal dak li spjegat l-Imhallef proprju ftit qabel (sitt paragrafu precedenti fit-traskrizzjoni a pagna 458):

> *Il-linja ewlinija ha nghid hekk difensjonali li hija komuni ghaz-zewg akkuzati hija kif diga accennajna rigward l-element intenzjonali fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati. X'qed tghid id-Difiza? Id-Difiza qed jghidu li l-element intenzjonali huwa nieqes, jghidu li ma hemmx xjenza. Jigifieri huma ma kienux jafu li kienet gejja d-droga u huma kienu hasbu li marru hemmhekk biex jilqghu lil dan Nabil Saleh li kien diehel Malta illegalment.*

13. Dan jorbot ukoll u jsegwi ma' dak dikjarat mill-bank tad-difiza waqt il-kontro-replika taghha fejn wara li tkellmet fuq ir-rizervi li kellha dwar il-mod kif saret din il-konsenja kontrollata, indirizzat lill-gurati hekk a fol 187 tat-traskrizzjonijijet:

> *Imma ghal moment, Sinjuri Gurati hallu fil-genb l-issue tal-controlled delivery, tal-entrapment, tal-hearsay, issa nispjegalkom, halluha fil-genb ghal mument. Id-difiza taghna ahna stajna lanqas biss dhalna fihom dawn. Id-difiza taghna hija li l-klijent taghna Godfrey Gambin ma kellux ix-xjenza rikjesta mill-ligi li dak li kellu fuqu Nabil meta kien diehel Malta kien droga. Ma kellux ix-xjenza rikjesta mill-ligi li dak li kien gej bih jew li kellu fil-pussess tieghu kien droga. Id-difiza taghna hija wahda semplici: lanqas kellna*

*ghalfejn noqghodu nidhlu, u ghalhekk qed nghidilkom ghall-mument insew l-issue tal-controlled delivery.*

## VI. L-artikolu tal-ligi u l-gurisprudenza:

14. L-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta li jirregola l-istanza fejn tista' ssir konsenja kontrollat jiddisponi s-segwenti:

> **30B**. (1) Minkejja kull haga li tinsab f'kull ligi ohra, il-Pulizija Ezekuttiva, u fejn inkun il-kaz, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistghu bil-kunsens tal-Avukat Generali jew ta' magistrat, ihallu li ssir konsenja kontrollata.
>
> (2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisser it-teknika li biha konsenja illecita jew suspettata ta' medicina perikoluza (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjeta' jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1C) (a) tithalla tohrog minn Malta, tghaddi minn Malta jew tidhol Malta, jew tithalla tghaddi minn post jew minghand persuna f'Malta ghal post iehor jew persuna ohra f'Malta, jew tithalla tidhol fit-territorju ta' pajjiz iheor bil-kunsens u that is-seroveljanza tal-Pulizija Ezekuttiva u, fejn tkun il-kaz, tal-Awtorita' tad-Dwana u tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiz iehor, bil-ghan li jigu identifikati l-persuni involuti fl-eghmil tar-reati that din l-Ordinanza jew taht il-ligi korrispondenti li tkun issehh fit-territorju ta' dak il-pajjiz iehor.
>
> (3) Il-Pulizija Esekuttiva jew xi persuna taht is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija jew direzzjoni tal-Pulizija Esekuttiva tista'. Bil-kunsens tal-Avukat Generali jew ta' magistrat, bil-ghan li tidentifika persuni involuti fl-eghmil tar-reati taht din l-ordinanza, takkwista jew tipprokura medicina perikoluza (kif imfissra fl-artikolu 12) jew konsenja suspetta ta' flus, proprjeta' jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1C)(a) minghand kull persuna u minn kull post.

15. Kwantu ghall-gurisprudenza in rigward, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andre' Falzon (Att t'Akkuza numru 13/09 deciza mill-Qorti Kriminali fl-10 t'Ottubru, 2012)**, citata mill-Avukat Generali fl-appell odjern f'kaz fejn l-atti kumpilatorji kienu jikkontjenu biss

deposizzjoni ta' Spettur tal-Pulizija li dik kienet konsenja kontrollata awtorizzata minn magistrat minghajr ma kien esebit tali kunsens, il-Qorti rriteniet dwar l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat:

*"Minn ezami akkurat ta' dan l-Artikolu mkien ma jirrizulta illi dan il-kunsens bilfors irid isir bil-miktub, dan jaghmel hafna sens il ghaliex fil-prattika mhux dejjem ikun hemm zmien bizzejjed sabiex dan il-kunsens hekk jinghata. Fil-fatt fil-maggoranza tal-kazijiet jirrizulta, minhabba n-nuqqas ta' hin disponibbli ghall-pulizija u sabiex jorganizzaw din il-konsenja kontrollata, jinfurmaw lill-Magistrat proprju ftit mumenti qabel ma ssir il-konsenja, l-Magistrat jaghti l-kunsens tieghu verbalment imbaghad aktar tard jiffirma d-dokumenti ghat-tali konsenja. Dawn id-dokumenti mhumhiex necessarji ghall-validita' tal-konsenja, l-importanti illi jkun hemm prova illi l-Magistrat ikun gie nfurmat u ta' l-kunsens tieghu. <u>Din il-prova tista ssir b'diversi modi jew b'dokumenti jew inkella bix-xhieda guramentata ta' l-Ispettur li jkun ottjena tali permess"</u>.* (sottolinear ta' din il-Qorti).

16. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ukoll citata mill-Avukat Generali fl-ismijiet: ' **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit (Att ta' Akkuza numru 44/2007) deciz fit-12 ta' Jannar, 2016,** fuq aggravju dwar talba ghax-xoljiment tal-guri michuda mill-ewwel Qorti, kien deciz hekk:

*Din il-Qorti hadet nota ta' l-argumenti kollha migjuba mill-appellant. Hi ma tistax tifhem ghaliex il-Pulizija kellha zzomm lura milli tghid illi kien qieghed isir* controlled delivery*, li, wara kollox, kien sar fir-rigward ta' Mobarak, salv li tipprova tevita li jigi svelat is-sors ta' l-informazzjoni li kellha l-Pulizija, u cioe' l-*

*persuna li kien qieghed jghin lill-Pulizija fil-*controlled delivery*. Pero', il-fatt li gie svelat dan id-dettal matul il-guri kif ukoll il-fatt li ssemmew dettalji godda mill-Ispettur Dennis Theuma fuq mistoqsijiet tal-Qorti waqt konfront mitlub mid-difiza stess ma' Mobarak, ma kellux jaghti lok ghax-xoljiment tal-guri.*

*"…..Kwantu ghar-referenza li ghamel l-appellant ghall-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali, in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipproduci dawk il-persuni li kienu direttament involuti fil-*controlled delivery *ma jistax jittiehed bhala abbuz ta' poter izda, tajjeb jew hazin, bhala delimitazzjoni ghal dak li fil-fehma tal-prosekuzzjoni kien strettament rilevanti ghall-kaz, u hekk jidher li fehmet is-sitwazzjoni l-ewwel Qorti".*

17. Fil-parti tas-sentenza li fiha l-Qorti ghamlet apprezzament mill-gdid tal-provi konsegenza tal-aggravju li l-appellant kien misjub hati hazin fuq il-fatti, kien ritenut hekk:

*(v) Ir-risposta* [ghal-mistoqsija tal-Qorti, ghaliex il-pulizija ma semmew xejn dwar dak il-persuna li Mobarak jghid li kien hemm?] *tidher li nghatat matul il-guri meta l-Ispettur Dennis Theuma qal li kien qieghed isir* controlled delivery*. Il-prosekuzzjoni tghid illi kull ma kienu qeghdin jaghmlu l-pulizija kien illi kienu qieghdin jipprotegu s-sors ta' l-informazzjoni taghhom, fi ftit kliem, min kien qieghed jassisti fil-*controlled delivery*. Huwa minnu illi jekk kien qieghed isir* controlled delivery *dan kien fil-konfront ta' Mobarak, <u>izda din il-Qorti xorta hi tal-fehma li l-pulizija kellha tipprezenta l-istampa shiha mill-ewwel</u>. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti sejra tiskarta ghal kollox dak li ntqal jew seta' ntqal dwar* controlled delivery *peress illi (1) ma gietx ipprezentata l-ebda prova ta' l-awtorizazzjoni mehtiega biex isir* controlled delivery; *(2) bhalma anke qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri, ix-xhieda ta' l-Ispettur Dennis Theuma dwar dak li qalulu l-pulizija (naturalment dwar dak li*

*gara s-Saqqajja) kien biss hearsay; (3) jekk saret talba biex isir* controlled delivery*, din ma saritx mill-Ispettur Theuma; (4) fl-ahhar mill-ahhar, kien hemm jew ma kienx hemm awtorizazzjoni ma hu ta' ebda rilevanza fil-konfront tal-appellant."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

18. Minn ezami ta' dawn iz-zewg sentenzi jidher li l-kwistjoni ta' konsenja kontrollata fl-ambitu tal-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 mhux necessarjament hija indirizzata fit-totalita' taghha b'dawn id-decide. Fil-kawza Zammit, il-kwistjoni kienet sollevata meta xehed l-ahhar xhud tal-prosekuzjoni u l-ewwel Qorti kienet ddisponiet mill-kwistjoni billi ddikjarat li kienet ser thalli kull parti tressaq xhieda godda fil-kors tal-guri filwaqt illi wiehed mill-aggravji tal-appell kien dwar it-talba tal-akkuzat, michuda mill-ewwel Qorti, ghax-xoljiment tal-guri kawza ta' nuqqas ta' *full disclosure*".

19. Fil-kawza ***Falzon***, id-decizjoni kienet dwar eccezzjoni preliminari li biha intalbet li tkun dikjarata nulla u bla effett u minghajr effetti fil-ligi u bhala wahda illegali l-konsenja kontrollata. Fis-sentenza, kif jidher mill-bran riprodott *supra*, intqal illi jkun xi jkun il-kaz, in-nuqqas ta' hin u l-heffa li tkun tirrikjedi operazzjoni konsimili, "*l-importanti li jkun hemm prova illi l-Magistrat ikun gie nfurmat u ta l-kunsens tieghu. Din il-prova tista' ssir b'diversi modi jew b'dokumenti jew inkella bix-xhieda guramentata ta' l-Ispettur li jkun ottjena tali permess".*

20. Din il-Qorti hi tal-fehma illi konsenja kontrollata hija kwistjoni serja li tirrikjedi li tkun dokumentata b'dettalji precizi ghaliex hafna drabi si tratta ta' awtorizazzjoni sabiex droga, wisq drabi f'ammonti sostanzjali, tithalla f'idejn persuni anke intercettati bl-istess droga kif ukoll li jsir hlas ghaliha bi flejjes li dwarhom tkun mehtiega ukoll prova ta' provenjenza u prova li jkunu l-istess flejjes f'kaz li n-negozju jkun sar bis-sahha ta' dik

il-konsenja kontrollata. Oltre dan, jehtieg li jkun accertabbli li dik il-konsenja kontrollata tkun saret kif awtorizzata mill-Avukat Generali jew mill-magistrat u fil-konfront tas-suspettat imsemmi fl-awtorizazzjoni. Ghalkemm mhux necessarju li l-Pulizija tizvela min hi l-persuna li informata bl-allegat pjan ta' traffikar, jehtieg almenu li jkun hemm indikazzjoni tad-destinazzjoni intiza, mahsuba jew suspettata u dettalji ohra biex juru li dik l-awtorizazzjoni inghatat ghal dik l-operazzjoni fi hdan tal-informazzjon moghtija lill-Avukat Generali jew lill-magistrat skont il-kaz;

21. Issa fil-kaz odjern, l-*ex* Assistent Kummissarju Neil Harrison, xehed illi qatt qabel ma kien indika li l-operazzjoni kienet wahda kontrollata u dan sabiex tkun protetta l-identita' tal-*participating informer*. Madankollu, hareg waqt id-domandi in kontro-ezami illi persuna kienet irceviet theddid minghand Nabil, li kien ko-akkuzat u li harab minn Malta fil-mori tal-proceduri. Id-difiza kienet enfasizzat illi Nabil kien wasal ghall-konkluzzjoni dwar min seta kixfu la darba d-dghajsa thalliet titlaq u la darba minn kien fuqha qatt ma tressaq il-Qorti u kien hawnhekk illi d-difiza uriet ir-ribrezz taghha ghal fatt illi xorta wahda x-xhud qatt ma xehed illi dik kienet konsenja kontrollata;

22. Dwar din il-materja, l-Qorti taghmel referenza ghall-**Blackstone's Criminal Practice** (Oxford University Press – 2008) fil-parti subintestata **Informers and Information for Detection of Crime**, parti F9.9 pagna 2440 u 2441 fejn jinghad:

> There is a long-established rule of law that in public prosecutions a witness may not be asked, and should not be allowed to disclose, the names of informers or the nature of the information given (*Hardy* (1794) 24 St Tr 199). The rule

applies to public prosecutions brought by the DPP and bodies authorised by statute to bring public proseuctions. The rationale of the rule was explained by Lawton LJ in ***Hennesseu*** (1978) 68 Cr App R 419 (at p. 425): 'The courts appreciate the need to protect the identity of informs, not onl for their own safety but to ensure that the supply of information about criminal activities does not dry up.". See also ***D v National Society for the Prevention of Cruelty to Children*** **[1978] AC 171, per Lord Diplock at p. 218**. The judge is obliged to apply the rules even it if is not invoked by the party entitled to object to disclose (*Marks v Beyfus* (1890) 25 QBD 494, er Lord Esher MR at p. 500, and *Rankine* [1986] QB 861, per Mann J at p. 867).

However, it a witness called at trial is a participating informant in the very instance with which the trial in concerned, there has to be a very strong countervailing interest for his status not to be revealed (*Patel* [2002] Crim LR 304. In that case, it was not for HM Customs to determine the matter in their own favour without putting their ouwn counsel or the court fully in the picture. Nor was it for the judge to have to piece together stray pieces of information in order to decide whether an individual was or was not a participating informat.

There is an exception to the common-law rule where the judge is of the opinion that disclosure is necessary to establish the innocence of the accused.

> ….. if upon the trial of a prisoner the judge should be of opinion that the disclosure of the name of the informant is necessary or right in order to show the prisoner's innocence, then one public policy is in conflict with another public policy, and that which says that an innocent man is not to be condemned when his innocence can be proved is

the policy that must prevail. (***Marks v Beyfus* (1890) 25 EBD 494, per Lord Esher MR at p. 498.**

This outcome, however, results from performing the balancing exercise, not from dispensing with (*Keane* [1994] 1 WLR 746 – see F9.2). Judges should scrutinize application for disclosure of details about informants with very great care and should be astute to see whether assertions that knowledge of such details is essential to the running of a defence are justified. In some cases, the informant is an informant and no more; but even when the informant has participated in the events constituting, surrounding or following the crime, the judge must consider whether his role so impinges on an issue of interest to the defence, present or potential, as to make disclosure necessary (***Turner* [ 1995] 1 WLR 264 per Lord Taylor CJ at p. 268).**

23. Il-Qorti mhix qeghda necessarjament tikkondividi l-principji kollha enuncjati fis-sentenzi appena citati f'dan il-bran mill-Blackstone's, naturalment ghajr ghall-dak il-principju li kemm jista' jkun tkun protetta l-identita' tal-informer, pero' fih tirradika l-konviciment taghha illi l-kunsens tal-Avukat Generali jew tal-magistrat fil-kwistjoni ta' konsenja kontrollata jehtieg li jkun pruvat mhux biss bix-xhieda ta' min ottjenieh izda ukoll bl-esebizzjoni tieghu fl-atti processwali. Applikat dan ghall-kaz odjern, id-difiza kellha dritt tkun taf, ad ezempju, jekk iz-zewg akkuzati kienux msemmija f'dak il-kunsens, x'kienet l-informazzjoni li irceviet il-Pulizija Esekuttiva anke jekk tevita li ssemmi l-informer, kemm il-persuna kienu involuti bhala *participating informers* sabiex b'hekk ikun kontrollat ukoll min kien it-tielet persuna fuq id-dghajsa u jekk dan kienx membru tal-Korp tal-Pulizija sabiex b'hekk ikun kontrollat dak li jitlob l-artikolu 30B tal-Kap 101 li d-droga trid tkun taht is-sorveljanza tal-Pulizija waqt tali konsenja;

24. Huwa inkoncepibbli li Magistrat jawtorizza l-konsenja kontrollata fit-termini tal-artikolu 30B tal-Kap 101 jekk mhux bil-forma miktuba. Issa jekk din ghall-ewwel issirx bil-fomm u aktar tard tkunx segwita bil-miktub ghal-fini ta' espedjenza hija kwistjoni ta' dettal insinjifikanti ghaliex anke jekk kif jigri fil-prattika, l-Pulizija tipprezenta talba direttament f'idejn magistrat u l-istess magistrat jakkorda t-talba naturalment ikun sufficjenti. Kontra dak li jsehh fil-kwistjoni ta' mandat ta' zamma u tfittxija, il-Pulizija jkun jehtigilha zzomm dak il-mandat f'idejha u turih lill-persuna mizmuma jew li dwarha ssir il-perkwisizzjoni. F'kaz bhal dak odjern certament mhux mistenni bl-ebda tigbid tal-imaginiazzjoni li l-Pulizija turi dik l-awtorizazzjoni meta taghmel l-arrest, izda dik l-awtorizazzjoni certament hi mehtiega fi stadju ulterjuri f'kaz ta' prosekuzzjoni. Dak li hu ta' importanza f'dan kollu, izda, hu li tkun tezisti dik id-dokumentazzjoni li turi l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali jew tal-magistrat;

25. Naturalment kull kaz jippresta id-diffikulta` u l-fatti specie tieghu u l-Qorti ghandha dejjem bhala principju timmira li tkun prezervata l-anonimita' ta' min joffri informazzjoni. Certament ukoll li mhix is-soluzzjoni idejali li kwistjoni bhal din dwar prova tal-konsenja kontrollata tithalla biex tinsorgi proprju quddiem il-gurati u li bhala rimedju jithallew li jingiebu provi godda bil-konsegwenzi kollha li din tista' ggib maghha inkluz dibattiti shah dwar l-ammissibilita' bil-gurati dehlin u hergin mill-awla sakemm ikunu diskussi u decizi punti ta' dritt li ghalih tipprovdi l-ligi fl-eccezzjonijiet preliminari wara l-hrug tal-Att ta' Akkuza.

**VII.** In-natura ta' konsenja kontrollata:

26. Issa, l-kwistjoni tal-konsenja kontrollata taghmel sia minn aspetti legali kif ukoll fattwali u din il-Qorti ma tara xejn zbaljat fid-decizjoni tal-ewwel Qorti li thalli l-aspett fattwali ghall-verdett tal-guri. L-ewwel Qorti spjegat, kif kienet fid-dover illi taghmel,

ir-regola tal-aktar prova shiha kif ravvizata fl-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali. Ma setghetx imbaghad fl-istess nifs tghid lill-imhallfin tal-fatti sabiex jiskartaw dan il-principju fil-konfront tal-prova dwar il-konsenja kontrollata. Pero' hawn, il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Generali meta jghid li l-ewwel Qorti rabtet din ir-regola "mal-kontestazzjoni principali tal-partijiet ossija l-validita/legalita o meno tal-konsenja kontrollata" (pagna 17 tar-rikors tal-appell);

27. L-ewwel Qorti ghamlitha cara kemm il-darba illi l-ewwel linja difensjonali tal-akkuzati kienet il-kwistjoni ta' nuqqas ta' xjenza u ghalhekk dik ma kienitx il-kontestazzjoni principali tal-partijiet. Fit-tieni lok, l-Imhallef halliet ghall-gudizzju tal-guri bhala imhallfin tal-fatti biex jaraw jekk kienx hemm il-prova tal-awtorizazzjoni tal-magistrat kif xehed ix-xhud u jekk dik id-dikjarazzjoni kienitx sufficjenti. L-indirizz tal-Imhallef imkien ma jista' b'xi mod jiftiehem li n-nuqqas ta' prova tal-awtorizazzjoni tista' jew ghandha twassal ghan-nullita' tal-operazzjoni u del resto din qatt ma kienet wahda mill-linji difensjonali u ghalhekk lanqas ma setghet tkun spjegata mill-Imhallef b'dan il-mod lil guri.

28. Illi minn ezami tal-atti processwali ma jidhirx li l-kwistjoni tal-konsenja kontrollata kienet id-denominatur komuni ghal-linji difensjonali. Kif gia inghad, l-ewwel linja difensjonali kienet dik ta' nuqqas ta' xjenza da parti tal-akkuzi, linja difensjonali komuni ghat-tnejn li huma, li ghazlu li jixhdu u qalu li ma kellhom l-ebda hjiel tal-intenzjoni ta' Nabil hlief li jghinuh jidhol Malta klandestinament. Meta marru jassistuh, ossia jilqghuh ix-Xemxija, marru bil-vetturi personali taghhom, marru hemm tlett darbiet sia taht il-velu tad-dlam kif ukoll fi sbieh il-jum, ma instabu ebda oggetti relatati mad-droga fir-residenzi taghhom u fil-hanut ta' Gambin, ma nstabu ebda flejjes li bi xi mod setghu jindikaw intenzjoni ta' xiri ta' droga, Gambin rema l-boroz meta

Nabil telaq jigri mill-karozza ghaliex hemm induna li kien hemm xi haga hazina, il-boroz tqieghdu fuq is-sedil u mhux inhbew u tela jixhed ukoll persuna li qalet li Babani kien talbu jmur mieghu ghal Nabil izda ma setghax u ghalhekk kien ser ikun hu maqbud f'dan kollu li kieku accetta li jmur jakkumpanjah;

**VII. Konkluzzjoni**:

29. Ma jirrizultax ghalhekk illi l-Imhallef halliet ghad-decizjoni tal-gurati kwistjoni ta' ligi u mhux ta' fatt. Konsegwegenza ta' hekk ma tara ebda difett fl-indirizz tal-Imhallef li seta b'xi mod kellu effett fuq il-verdett tal-gurati. Ghal dawn il-motivi, tichad it-talba.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-appell interpost.**

**S.T.O. Prim Imhalef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti**